Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/770

30.3.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/770

tal-25 ta' Marzu 2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Trasport rapidu, konvenjenti, affordabbli, u fuq kollox li ma jagħmilx ħsara lill-klima għall-Ewropej kollha"

(notifikata bid-dokument C(2026) 2014)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

(1) Talba għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Trasport rapidu, konvenjenti, affordabbli, u fuq kollox li ma jagħmilx ħsara lill-klima għall-Ewropej kollha" ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fil-5 ta' Frar 2026.

(2) L-għan tal-inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa li tistieden lill-Kummissjoni biex "l-ivvjaġġar bil-ferrovija jsir alternattiva vera għall-avjazzjoni billi jinħolqu network u organizzazzjoni kontinentali b'saħħithom u jitneħħew l-iżbilanċi fis-suq". B'mod speċifiku, l-organizzaturi jipproponu: l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni fl-UE kollha (dazju tas-sisa fuq il-kerosin); it-tneħħija tal-eżenzjonijiet mill-VAT u l-introduzzjoni ta' pprezzar ġust u l-allokazzjoni tad-dħul lil organizzazzjoni ferrovjarja Ewropea b'saħħitha b'awtorità estensiva.

(3) Il-Kummissjoni tqis li tista' tadotta proposti għal atti legali biex tintroduċi dazju tas-sisa fuq il-kerosin, tneħħi l-eżenzjonijiet mill-VAT u talloka d-dħul lil organizzazzjoni ferrovjarja Ewropea b'saħħitha b'awtorità estensiva, abbażi tal-Artikolu 113 u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(4) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

(5) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.

(6) Il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.

(7) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minquxin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "Trasport rapidu, konvenjenti, affordabbli, u fuq kollox li ma jagħmilx ħsara lill-klima għall-Ewropej kollha" tiġi rreġistrata.

(9) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Trasport rapidu, konvenjenti, affordabbli, u fuq kollox li ma jagħmilx ħsara lill-klima għall-Ewropej kollha" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Trasport rapidu, konvenjenti, affordabbli u fuq kollox li ma jagħmilx ħsara lill-klima għall-Ewropej kollha", irrappreżentat minn Jim ODENHOVEN u Nils LEHMAN li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2026.

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni